# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar il-Ġimgħa, 10 ta' Ġunju 2022**

**Talba Nru: 365/2019 JG**
**Numru fuq il-lista: 4**

**Paul Philip Caruana (K.I. 524386(M))**

**Vs**

**Motor Towing Co-op u John Vella**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fl-10 ta' Novembru 2019[1], permezz ta' liema l-attur talab li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuti jħallsu l-ammont ta' disa' mija u għoxrin Ewro (€920) u dan in konnessjoni ma' danni kkawżati fuq vettura

[1] A fol 1 *et seq.*

tal-attur mill-konvenuti kif aħjar deskritt fl-istess Avviż. Intalbu wkoll l-ispejjeż tal-proċeduri;

Ra r-risposta tal-konvenuti[2] permezz ta' liema huma laqgħu għal din l-azzjoni b'eċċezzjoni ġenerika, li kien l-attur li daħal għal dan ir-riskju, li kienet l-għażla tal-attur li ssir il-manuvra u li fi kwalunkwe każ l-attur kien iffirma dikjarazzjoni li kien qiegħed jiskolpa lill-kooperattiva konvenuta mir-responsabbilitá;

Ra d-digriet mogħti mill-Onor. Prim Imħallef ta' nhar it-28 ta' Ottubru 2020 tramite liema din it-talba ġiet assenjata lil dan it-Tribunal kif presedut[3];

Sema' x-xhieda ta' Paul Philip Caruana[4];

Ra d-dokumentazzjoni eżebita mill-attur[5];

Sema' x-xhieda in eżami ta' John Vella u ta' Joe Caruana, rappreżentant tal-kooperazzjoni konvenuta[6];

Sema' x-xhieda in kontro-eżami ta' John Vella u ta' Joe Caruana[7];

Sema' t-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-kontendenti, liema trattazzjoni ġiet debitatment reġistrata u traskritta[8];

Ra l-atti proċesswali kollha;

---

2 A fol 8 tal-proċess.
3 A fol 18 tal-proċess.
4 Xhieda relattiva seħħet fis-seduta tal-21 ta' Jannar 2021.
5 Nota relattiva tinsab a fol 33 tal-proċess.
6 Xhieda relattiva lkoll seħħet fis-seduta tal-10 ta' Mejju 2021.
7 Xhieda relattiva lkoll seħħet fis-seduta tad-19 ta' Ottubru 2021.
8 Seduta tat-28 ta' Ottubru 2021, tibda a fol 68 tal-proċess.

**Ikkunsidra;**

Illi qabel ma jiġi eżaminat l-aspett legali tal-kwistjoni, it-Tribunal iqis li għandu jirrakkolji fil-qosor ix-xhieda mismugħa f'din it-talba.

Illi f'dawn il-proċeduri xehed ir-rikorrent[9]. Jispjega li huwa kien qabbad lill-ko-operattiva konvenuta sabiex dan jirmonka trakk propjeta' tiegħu għal ġewwa għalqa tiegħu. Hekk seħħ. Meta waslu lejn l-għalqa, ir-rikorrent fetaħlu l-grada, u meta x-xufier tal-ko-opeerattiva konvenuta pruvat tidħol, it-trakk waqa'. Spjega li dan waqa' minn fuq l-armar, waqa' mal-art għal fuq in-nuċċali tat-trakk. Meta dan waqa' seħħet il-ħsara mertu ta' dawn il-proċeduri. Spjega li huwa kien kif-ftukk meta dan waqa'. Spjega li l-ħsara kienet fil-bumper u fil-faċċata. Jgħid li dan hekk għadu għaliex ma saqux aktar wara. Dakinhar hu xorta ħallas tas-servizz. Wara huwa ċempel lis-sid tal-kooperativa konvenuta u qallu b'dak li kien ġara. Dan qallu li jekk ried il-flus lura tas-servizz kien dispost jgħaddihomlu lura.

Illi in kontro-eżami spjega li dakinhar it-trakk tiegħu kellu ħsara fil-magna u għalhekk kellu bżonn dan is-servizz. Jgħid li għadu hekk bil-ħsara sal-lum. Ma qabilx li l-intenzjoni tiegħu kienet li dan it-trakk jiġi skrapjat. Jikkonferma li jinsab ġo għalqa tiegħu. Jgħid li hemm numru ta' vetturi oħra fl-istess post. Ftit wara, spjega li din l-għalqa għandha ż-żrar. Jikkonferma li hemm bankina quddiem l-għalqa. Spjega li kien hemm rampa, allura ma kienx hemm ħtieġa li taqbeż il-bankina. Ma qabilx li x-xufier kien qallu li din il-manuvra ma setgħetx issir. Jgħid li hu jidħol u joħroġ kuljum minn hemm. Spjega li din kienet l-ewwel darba li uża s-servizz tal-kooperattiva konvenuta. Jikkonferma li t-trakk għadu fl-

[9] L-eżami tiegħu seħħ fis-seduta tal-21 ta' Jannar 2021. Il-kontro-eżami seħħ fl-istess seduta.

istess post. Qal li dan kien trakk *second hand* tas-sena 2014. Jagħlaq billi jjgħid li x-xufier qallu biex iħallsu mbgħad jirranġa mal-imgħallem tiegħu.

Illi f'dawn il-proċeduri xehed ukoll il-konvenut John Vella[10]. Spjega li l-vettura tiegħu kien trakk, tow-truck ftit akbar mit-trakk tal-attur. Meta wasal fuq il-post ra, li huwa ma kienx sejjer ikun kapaċi jidħol u infurma b'dan lill-attur. Jgħid lit-trakk waħdu jidħol iżda mhux irmunkat. Muri pjanta, maħruġa minn Google maps, jikkonferma l-post. Spjega wkoll li l-bankina kienet kemmxejn għolja. Din għalih tagħmel differenza għax it-tow-truck jiġi diżlivell. B'hekk skont hu, it-trakk jimxilek. Jgħid li l-attur baqa' jinsisti u hu qallu, jekk tiġri xi ħsara ma jkunx responsabbli, u qallu li t-trakk kien għat-tkissir. Jgħid li meta prova jagħmel din il-manuvra, dan it-trakk inqala, ħareġ minn man-nuċċali u ġie fuq il-bumper. Sa fejn jiftakar hu l-attur kien ġewwa t-trakk meta dan waqa'. Jagħlaq billi jgħid li huwa, qabel prova jdaħħlu fil-ġaraxx qallu li kienet ħaġa impossibbli.

Illi in kontro-eżami[11]. Jgħid li t-tow-truck jiflaħ ta' tletin tunnellata. Il-vettura tal-attur setgħet tinġarr. Jgħid li t-trakk kien marbut bil-katina. Ma kienx hemm problemi waqt il-vjaġġ. Jgħid li meta wasal sabiex idaħħal il-vettura huwa qal lill-attur li ħa tkun diffiċli iżda dan qallu mhux problema għax dan ħa jiġi skrapjat. Jikkonferma li l-attur qallu li kienet sejra tkun responsabbilitá tiegħu (tal-attur) jekk jiġri xi ħaġa. Ma saqshiex jekk setgħax jagħmel rampa bl-injam. Qallu li l-bankina kienet għolja ħafna. Kien kważi irnexxielu jdaħħal il-vettura iżda mbagħad qabżet minn fuq it-tow-truck. Żelaq minn fuq l-apparat. Il-katina inqagħlet minn posta. Jikkonferma li ta ftit is-salt (tah skoss) minħabba l-bankina. Inkiser il-bumper. Hu kien dieħel b'lura.

---

[10] L-eżami seħħ fis-seduta tal-10 ta' Mejju 2021 u jibda a fol 47 tal-proċess.
[11] Magħmul fis-seduta tat-28 ta' Ottubru 2021 u jiba a fol 62 tal-proċess.

Illi f'dawn il-proċeduri xehed ukoll Joe Caruana, rappreżentant tal-ko-operattiva konvenuta[12]. Dan spjega li dakinhar huwa ma kinx fuq is-sit. Is-sitwazzjoni tal-każ preżenti tiġri ta' spiss. F'okkażżjonijiet bħal dawn, l-impjegat jagħmel kuntatt miegħu u jagħti direzzjoni hu. Ġieli kien hemm okkażżjonijiet fejn jgħidilhom biex ma jkomplux bl-irmonk. F'dan il-każ qallu biex ma jagħmilx il-manuvra. It-trakk raħ fis-sit fejn qiegħed illum. Jgħid li huwa minnu li huwa kien dispost iħallas lura l-ammont imħalla mill-attur għas-servizz mogħti. Imbagħad jgħid li huwa ma tħallasx kollox. Ma ħadu l-ebda passi kontra l-impjegat tagħhom, il-konvenut John Vella.

Illi in kontro-eżami[13] jispjega li huwa d-direttur tal-ko-operazzjoni. Jikkonferma li ma kienx preżenti u li dak li jaf huwa biss minħabba dak li qallu x-xufier. It-tow-truck kien kapaċi jtella' vetturi sa 24 tunnellata u l-vettura tal-attur kienet inqas. Jikkonferma lix-xufier għamel dak li qallu s-sid u xorta għamel il-manuvra.

Illi magħmul dan ir-riassunt it-Tribunal josserva li din l-azzjoni tinkwadra fiha kemm aspetti ta' relazzjoni kuntrattwali kif ukoll oħrajn awkiljani[14], ħaġa li l-Qrati tagħna fil-passat aktar viċin ippermettu li ssir[15]. L-attur qiegħed jitlob

---

[12] L-eżami seħħ fis-seduta tal-10 ta' Mejju 2021.

[13] Magħmul fis-seduta tad-19 ta' Ottubru 2021 u jibda a fol 60 tal-proċess.

[14] Wieħed huwa mistieden jara, jistudja u janalizza dak li ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Edward Farrugia Wismayer vs Ronald Agius et,** (Rik Nru: 663/12 GM) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-10 ta' Jannar 2019 (mhux appellata). Għalkemm b'fatti totalment differenti, fiha wieħed isib aspetti li jolqtu sa ċertu grad ħafna mill-punti legali li jikkonċernaw il-preżenti litiġju, kemm fuq aspett ta' ksur kuntrattwali, ħtija akwiljan u anke fuq kwistjonijiet ta' klawżoli t'eżoneru li sejjer jiġi diskuss fl-aħħar parti ta' din id-decizjoni. Dan kollu, dik il-Qorti għamlitu b'mod eżawstiv, kemm minn aspett dottrinali u kif ukoll ġurisprudenzjali. Għalhekk hemm ħafna applikabbilitá għal dak hemm deċiż fil-preżenti u sa fejn huwa hekk kompattibli dan it-Tribunal jagħmel tiegħu dak l-insenjament.

[15] F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Andrew Brincat vs Tabib Ewlieni tal-Gvern et,** (App Ċiv Nru: 225/89/2 JZM) deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar is-27 ta' Ottubru 2021 fejn ġie puntwilizzat hekk: *"Madankollu, jinhass xieraq jigi pprecizat li l-azzjoni attrici filkonfront tal-konvenuti appellati ghandha kemm mill-azzjoni akwiljana (fejn persuna hija obbligata li b'ghemilha ma tikkawzax hsara jew dannu lil haddiehor), kif*

indenniz għad-danni sofferti minnu kemm kontra l-ko-operattiva konvenuta, ma' liema huwa daħal f'kuntratt għal servizzi professjonali (u kuntrattwali) kif ukoll kontra s-sewwieq impjegat tal-istess talli bl-azzjonijiet tiegħu wassal sabiex seħħ dan l-inċident u d-dannu konsegwenzjali[16]. Jiġi b'hekk li din hija azzjoni mista[17]. Dan m'huwiex t'ostakolu.

Illi mill-provi irriżulta ċar li fil-fatt dan id-dannu seħħ, huwa frankament ammess mill-konvenuti. Għal dan it-Tribunal il-konvenut Vella ma jistax jaħrab mill-obbligi assunti minnu billi jgħid li ġie mgħiegħel jagħmel din il-manuvra mis-sid. Fl-ewwel lok ma jirriżultax li kien hemm tali pressjoni. Fit-tieni lok u agħar minn hekk, kien dmir u obbligu tiegħu li f'ċirkostanza bħal din ma jibqax jespleta l-inkarigu tiegħu. Ġialdarba għażel peró li jibqa' għaddej allura huwa bil-wisq

*ukoll tista' titqies li ssejset fuq rabta kuntrattwali, naxxenti minn obbligazzjoni li parti fil-kuntratt ghandha dmir li twettaq dak li ghalih intrabtet mal-parti l-ohra. Hekk kif l-attrici appellanti dahlet lIsptar San Luqa bhala pazjent, sabiex tinghata l-kura u s-servizzi relatati mal-hlas tat-trabi taghha, inholoq rapport kuntrattwali.*

[16] F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Mediterranean Trading Shipping Company Limited et vs Tristar Freight Services Limited,** (App Ċiv Nru: 88/12) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Supjeri) nhar is-26 ta' Jannar 2018 fejn, b'referenza wkoll għal ġurisprudenza preċedenti reġgħet ir-riaffermat dan il-prinċipju u qalet hekk: *"Kif inghad, pero`, fl-att promotur, is-socjetajiet attrici appellati jallegaw kemm il-ksur ta' obbligi kuntrattwali, kif ukoll responsabbilit ta' natura delittwali. Tajjeb li jinghad li l-qrati taghna mhumiex daqstant rigidi f'kawzi fejn il-mertu jinvolvi kwistjonijiet simili. B'hekk per ezempju fis-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fil-kawza fl-ismijiet Vassallo v. Mizzi et, deciza fid-9 ta' April 1949, (Vol. XXXIII.II.379) il-Qorti kkunsidrat illi: "... l-htija meta tigi kkunsidrata fl-entita` taghha, hija wahda; u taht dan l-aspett ma hemmx distinzjoni bejn kolpa kontrattwali u dik komunement imsejha aquiliana, li titnissel minn delitt jew kwazi delitt. Id-differenza bejniethom tinsab fil-kawza u fil-grad. In kwantu ghallkawza, il-htija kontrattwali tippresupponi obbligazzjoni pre-ezistenti li maghha hija marbuta; mentri l-htija aquiliana tippresupponi fatt li minnu titnissel ex nunc. In kwantu ghall-grad id-differenza hija riposta fl-estensjoni tar-responsabbilita' fis-sens illi fil-kolpa kontrattwali wiehed jista' jirrispondi ta' htija hafifa skond il-kaz, mentri fil-kolpa aquiliana -rresponsabbilita' testendi ruhha b'mod li dwarha ma hemmx grad." Hekk ukoll fis-sentenza deciza minn din il-Qorti, fl-20 ta' Frar, 2009, filkawza fl-ismijiet Av. Louis Cassar Pullicino nomine v. Angelo Xuereb nomine et, kien ritenut illi: "... huwa principju stabbilit fis-sistema giuridika nostrali li fl-individwazzjoni tan-natura tal-colpa hafna jrid jithalla ghallinterpretazzjoni giudizzjarja jew iktar bi precizjoni, ghad-diskrezzjoni tal-gudikant fl-apprezzament tal-fattispecji dedotti."*

[17] F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Edwin Zamit et vs Saviour Casha et**, (Rik Ċur Nru: 103/2008/1 JZM) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-27 ta' Frar 2020, kemm għal dak li hemm deċiż u kif ukoll għar-rakkolta ġurisprudnezjali hemm miġbura fuq din it-tematika.

ovvju li n-ness ta' kawżalitá ġiet ippruvata. Dan qiegħed jingħad kemm għal fatt li huwa ttenta jitlaq il-bankina, iżda anke wkoll għall-fatt li l-vettura tal-attur inqgħalet. Diffiċli jitwemmen il-konvenut meta jgħid li din ġiet marbuta sew u mbgħad il-vettura spiċċat inqalet b'din il-mossa.

Illi similiment għandha taħti wkoll l-kooperazzjoni konvenuta, kemm għaliex ma prestat l-ebda servizz professjonali kif rikjest minnha, kif ukoll għax naqset milli tipprova li fil-ħin opportun infurmat lill-klijent tagħha (l-attur) li ma setgħetx tagħmel din l-operazzjoni.

Illi għalhekk hemm biżżejjed ingredjenti mill-fatti ta' dan il-każ sabiex ikun hemm is-solidarjetá bejn il-konvenuti. Mill-aspett tal-kooperazzjoni konvenuta, din taħti għaliex l-attur ipprendena servizz professjonali minnha, liema irriżulta li ma ngħatatlux. Mill-aspett tal-konvenut personalment, dan ukoll jaħti għaliex sforz in-negligenza u non kuranza tiegħu, baqa jippersisti b'din il-manuvra u b'hekk seħħ dak li ġara. Jekk hemm xi azzjoni bejn il-konvenuti stess, dik hija ħaġa li ma jinoltrax ruħu fiha dan it-Tribunal.

Illi b'mod konkludorju imbgħad il-konvenuti jgħidu li bil-fatt li fuq l-irċevuta hemm indikat li l-attur kien qiegħed jeħles lis-soċjetá konvenuta mir-responsabbiltà allura ma setax l-istess attur jipproponi din l-azzjoni[18]. Bid-dovut rispett, huwa ben magħruf li l-hekk imsejjħa klawżoli ta' eżoneru, (speċjalment meta din tingħata fil-forma t'irċevuta wara li tkun seħħet il-prestazzjoni) ma teżonerax b'mod awtomatiku lil min kien ġie imsejjaħ u obbligat iwettaq attività, jekk f'dik l-attivita ikun seħħ dannu tali li jista' jiġi ekwiparat ma nuqqas ta'

---

[18] Iż-żewġ difensuri tal-partijiet aċċennaw għal dan fit-trattazzjoni tagħhom tal-għeluq. Il-parti relattiva tinsab a fol 70 tal-proċess.

adempjiment mal-obbligi assunti[19]. Għalhekk ukoll din id-difiża qiegħda tiġi mwarrba.

Illi finalment, dwar il-*quantum* mitlub mill-attur jidher li dan huwa wkoll meritoveli t'akkoljiment. Ir-rapport tas-surveyor u l-ammont imħallas għal dan is-servizz jmur viċin ferm is-somma mitluba. Anke gwidat minn dak li hija valutazzjoni ekwitattiva[20], dan it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi li l-ammont huwa

---

[19] F'dan ir-rigward il-ġurisprudenza tagħna hija waħda kopjuża u kostanti. Fost diversi issir referenza, b'mod partikolari għal meta tali klawżoli jinstabu f'irċevuta, għas-sentenza klassika fl-ismijiet **Valhmour Borg noe vs Major Alfred Calascione M.B.E. *noe,*** mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ nhar il-25 ta' Mejju 1961 fejn kien intqal hekk: *"mir-responsabbiltà ghall dawn id-danni huwa ma jistghax jehles billi fl-ircevuta li huwa jirrilaxxja wara l-ftehim ikun hemm il-klawsola ta' ezoneru. Ghax il-ftehim jeskludi l-operazzjoni ta' dik il-klawsola. Imma anki minghajr dak il-ftehim, xorta wahda dik l-klawsola ma tiswiex; ghax hu jirrispondi ghad-danni la darba dawn ikunu graw b'xi att volontarju u konsapevoli tieghu li jammonta ghal dolo jew ghal dak il-grad ta' kolpa li l-ligi tirrikjedi fl-esekuzzjoni tal-obligazzjoni li hu assuma.".* Aktar riċentement, issir referenza għas-sentenza fl-imsijiet **George Bonnici *pro et noe* vs Phoenicia Hotel Company Limited,** (App Ċiv Nru: 2489/1997/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-12 ta' Jannar 2005 fejn intqal hekk: *"Ferma din l-osservazzjoni, din il-Qorti, imbaghad, lanqas ma ssib illi l-avviz muri fir-ritratt jista' jezonera lis-socjeta` appellanti mir-responsabilita` proprja fejn ikun jirrizulta illi din ma tkunx agixxiet b' dik id-diligenza u hsieb mistenni minn bonus paterfamilia. Kriterju dan sostrat ta' bosta disposizzjonijiet tal-Kodici Civili taghna; b' mod generali, l-Artikoli 1132 (1) u 1032 tieghu; Fil-hsieb tal-Qorti dak l-avviz mhux hlief manifestazzjoni unilaterali u arbitrarja tal-lukandier li ma jgibx ghalhekk biss illi l-kontroparti tkun qeghda tabdika d-drittijiet taghha. Ma jikkontjeni l-ebda patt, l-ebda akkonsentiment jew accettazzjoni manifesta ta' l-uzuarju tal-parkegg. Ma jistax allura, dejjem skond l-opinjoni ta' din il-Qorti, dak lavviz ikollu t-tifsira estensiva ta' xi ezoneru komplet mir-responsabilita` civili, kompriz ukoll allura dawk l-atti naxxenti minn delitt jew kwazi delitt; Anke kieku talvolta kellu jigi argomentat illi dak l-avviz jitqies sembjanza ta' kuntratt, l-istess ma kienx ikollu valur li jezonera lis-socjeta` konvenuta la mid-dolo, la mill-kolpa gravi, ekwiparata ghad-dolo, u lanqas mill-kolpa ljievi, li tigi riskontrata meta jkun hemm ommissjoni ta' dak il-grad normali ta' diligenza li l-ligi tirrikjedi fl-ezekuzzjoni ta' kull obbligazzjoni in genere. Fi kliem iehor il-klawsola ta' rresponsabilita` bhal dik in ezami ma tezonerax mirresponsabilita` meta jkun hemm vjolazzjoni ta' kuntratt jew ta' dover. Ara Kollez. Vol. XLV P III p 814);"*

[20] Fis-sentenza fl-ismijiet **Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma vs John Mary Caruana,** (Appell Ċivili Nru: 266/2003) deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) deċiża fl-20 ta' Novembru 2009 intqal hekk*: Distingwibilment, il-valutazzjoni ekwitativa mhix ta' l-istess xorta ta' dik l-ekwita kkontemplata taht il-Kapitolu 380 tal-ligijiet u li tikkonsenti lit-Tribunal ghal Talbiet Zghar li jiddeciedi l-kontroversja quddiemu principalment skond dak l-istrument valutattiv. Ara Artikolu 7 (1) tieghu. Hu, invece, gudizzju rigwardanti espressament u eskluzivament il-mizura tad-danni b'mod li l-Qorti tikkompleta u timla l-vojt tal-prova preciza fuq il-kwantum bhala bonum vir, ossija b'apprezzament ekwu. Effettivament, tali apprezzament*

ġust, mhux eżaġerat u jirrifletti kemm id-dannu soffert kif ukoll il-ħlas li sar għal-servizz li finalment jidher kien wieħed mhux biss inutili iżda addirittura impatta negattivament lilll-attur.

Għaldaqstant it-Tribunal filwaqt li jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti, jilqa' t-talba tal-attur u jikkundanna lill-konvenuti *in solidum* iħallsu lill-attur l-ammont ta' disa' mija u għoxrin (€920) bl-imgħax mit-18 ta' Novembru 2019[21] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu *in solidum* u fl-intier tagħhom mill-konvenuti.

**Dr Joseph Gatt LL.D**
Ġudikatur

*jimplika gudizzju fejn fih jittiehed konsiderazzjoni tal-qaghda konkreta tal-kaz u dan fil-prattika jfisser illi l-Qorti, filwaqt li ma thosshiex marbuta bl-istima proposta, fl-istess waqt ma tkunx lanqas tista' tinjora l-fatt accertat ta' l-ezistenza ta' l-illegalita u talpregudizzju ekonomiku soffert, u konsegwentement tghaddi biex taghmel uzu mill-precitat kriterju idoneju biex tasal ghall-komputazzjoni gusta, ossija, skond ma jinghad fir-rikors ta' l-appell, "ghallanqas ghall-parti mill-ammont mitlub mill-Korporazzjoni attrici appellanti";*

[21] Data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba a tenur tal-artikolu 1141(2) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalkemm huwa minnu li ma ntalabx imgħax fl-istess Avviż, ma hemm xejn xi jwaqqaf lil dan it-Trbiunal milli jakkorda l-istess. F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Costantino Abela vs George Azzopardi** (App Ċiv Nru: 380/1987/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar is-7 ta' Ottubru 2005, fejn propju aggravju fuq dan il-punt ġie miċħud.